

Brussell, 22 ta' Lulju 2025
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2025/0222 (COD)
2025/0550 (COD)

11748/25
ADD 2

EDUC 326	GENDER 166
JEUN 201	ANTIDISCRIM 76
SPORT 31	SAN 489
SOC 533	IND 287
COMPET 756	PROCIV 105
DIGIT 147	HYBRID 98
ENV 719	DISINFO 68
CADREFIN 106	JAI 1115
FIN 897	SERVICES 34
IA 89	POLGEN 99
CODEC 1043	MI 561
CULT 88	RELEX 1037
CULT HERIT 10	INF 123
AUDIO 68	COPEN 229
FREMP 212	JUSTCIV 138
DATAPROTECT 163	DROIPEN 90

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2025) 551 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818 u Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "Erasmus+" għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2025) 551 final.

Mehmuż: SWD(2025) 551 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2025
SWD(2025) 551 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm “AgoraEU” għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818

u

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm “Erasmus+” għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888

{COM(2025) 550 final} - {SEC(2025) 547 final} - {SWD(2025) 550 final}

Din il-valutazzjoni tal-impatt tiffoka fuq il-finanzjament tal-UE li jappoġġa l-oqsma ta' politika tal-**edukazzjoni transfruntiera, it-taħriġ, is-solidarjetà, iż-żgħażaġh, il-midja, il-kultura u s-setturi kreattivi, il-valuri, u s-soċjetà ċivili**. Għandha l-għan li tivvaluta l-aktar alternattivi ta' politika importanti li fuqhom jissejsu l-proposti leġiżlattivi għall-programmi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss.

Abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu tal-istrumenti tal-finanzjament attwali għall-perjodu 2021-2027, din il-valutazzjoni tal-impatt tqis ukoll l-ambizzjoni stabbilita fil-Linji Gwida Poliċi, li l-baġit fit-tul il-ġdid tal-UE jkun aktar iffokat, aktar sempliċi, iħalli impatt akbar, u jkun artikolat b'inqas programmi.

L-aspetti ta' politika qed jiġu kkunsidrati fl-analiżi tal-kuntest, fid-definizzjoni tal-problema u fl-oġġettivi, u dawn jipprovdu għarfien għall-għażliet dwar l-arkitettura tal-finanzjament. Billi l-istruttura tal-QFP li jmiss se tkun differenti ferm mill-istruttura tal-qafas attwali¹, **għalissa din il-valutazzjoni tal-impatt għadha ma tinkludix xenarji baġitarji**.

Minbarra r-riżultati tal-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu tal-programmi attwali u l-evalwazzjonijiet finali tal-programmi preċedenti, din il-valutazzjoni tal-impatt tibni fuq l-eżerċizzji analistiċi tal-infiq, diversi rapporti settorjali, studji u riċerka. Tirrifletti wkoll l-eżiti tal-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa (OPC) li ġabret 5,845 tweġiba valida, u ta' konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati oħrajn li organizzat il-Kummissjoni tul dan l-eżerċizzju.

Problemi

Il-punt tat-tluq ta' din il-valutazzjoni tal-impatt hu l-analiżi tal-isfidi attwali u l-ixprunaturi tal-problemi fl-oqsma ta' politika koperti fir-raggruppament. Bi qbil mal-linji gwida poliċi għall-eżerċizzju tal-QFP, u b'mod partikolari mal-oġġettiv li jkollna baġit ibbażat fuq il-politika, l-aspetti ta' politika qed jiġu kkunsidrati fl-analiżi tad-definizzjoni tal-problema u fl-oġġettivi, li min-naħa tagħhom iservu ta' għarfien għall-għażla dwar l-arkitettura tal-programmi tal-finanzjament futuri.

L-analiżi identifikat li l-baġit tal-UE għandu potenzjal mhux miksub li jikkontribwixxi biex jingħelbu l-isfidi li qed jaffettwaw l-oqsma ta' politika f'dan ir-raggruppament. B'hekk ġew definiti **tliet problemi** li qed jaffettwaw l-intervent finanzjarju tal-UE: tnejn minnhom relatati mal-kontenut tal-politika, u t-tielet waħda dwar l-isfidi li qed jaffettwaw it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-intervent finanzjarju.

***Problema 1:** It-theddid għad-demokrazija, id-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-UE, il-kultura u d-diversità kulturali, u t-tnaqqir tal-ispazji ċiviċi u tal-midja.*

***Problema 2:** L-iskarsezzi tal-ħiliet u l-kompetenzi ewlenin għall-ħajja u għax-xogħol.*

***Problema 3:** L-isfidi għat-tfassil u l-arkitettura tal-istrumenti tal-finanzjament tal-UE biex jiġu indirizzati l-problemi relatati mal-politika.*

Kull problema mbagħad qed tiġi spjegata f'aktar dettall b'sensiela ta' xprunaturi, li jiddeskrivu aspetti speċifiċi tal-problema u jidħlu fid-dettall tal-kwistjonijiet ewlenin li jridu jiġu indirizzati bl-intervent finanzjarju tal-UE. Il-valutazzjoni tal-impatt turi wkoll kif dawn il-problemi u l-ixprunaturi aktarx li se jippersistu mingħajr l-appoġġ finanzjarju tal-UE, u dan billi tanalizzahom mill-perspettiva ta' sett ta' megatendenzi li identifika ċ-Ċentru ta' Kompetenza tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Prospettiva².

¹ Il-Komunikazzjoni dwar [Il-perkors lejn il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss](#) (COM/2025/46 final).

² L-14-il megatendenza li identifika l-[Hub tal-Megatendenzi tal-Kummissjoni](#).

Objettivi

Imbagħad, ir-rispons li jistgħu joffru l-istrumenti tal-finanzjament futuri tal-UE biex jiġu indirizzati dawn il-problemi qed jiġi artikolat f'għadd ta' objettivi ġenerali u speċifiċi. B'mod partikolari, il-valutazzjoni tal-impatt tassoċja objettiv ġenerali wieħed ma' kull waħda mit-tliet problemi identifikati:

***Objettiv ġenerali 1:** Tissaħħaħ u tiġi approfondita l-abbiltà tal-UE li tikkontribwixxi finanzjarjament, tipprowdi valur miżjud u tippromwovi d-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-UE, id-demokrazija, il-midja u l-kultura.*

***Objettiv ġenerali 2:** Tissaħħaħ u tiġi approfondita l-abbiltà tal-UE li tikkontribwixxi finanzjarjament, tappoġġa u tipprowdi valur miżjud għall-edukazzjoni u t-taħriġ transfruntieri, iż-żgħażaġh, l-isport u s-solidarjetà, u tikkontribwixxi għall-ħiliet għall-ħajja u x-xogħol.*

***Objettiv ġenerali 3:** Tissaħħaħ u tiġi approfondita l-abbiltà tal-UE li tikkontribwixxi finanzjarjament u tipprowdi valur miżjud f'dawn il-politiki bi tfassil li jrawwem l-adeqwatezza tal-finanzjament għall-politika, is-simplifikazzjoni, il-koordinazzjoni u s-sinerġiji.*

Kull objettiv ġenerali mbagħad jiġi artikolat aktar f'objettivi speċifiċi, li jiddeskrivu b'iżjed granularità l-kontribut li l-intervent finanzjarju tal-UE jista' jagħmel biex jintlaħqu l-objettiv(i) ġenerali.

Neċessità u valur miżjud tal-azzjoni tal-UE

L-oqsma ta' politika koperti minn din il-valutazzjoni tal-impatt huma ankrati sew fit-Trattati tal-UE, li jipprovdu l-bażijiet legali għall-azzjoni tal-UE permezz tal-interventi finanzjarji. Il-baġit tal-UE f'dawn l-oqsma hu kruċjali għall-pedamenti tal-UE, jixpruna l-progress fl-Istati Membri kollha u hu partikolarment meħtieġ biex: (1) jiġu indirizzati sfidi transnazzjonali u komuni; (2) jitħalla impatt sistemiku billi jixxejnu l-lakuni u jkun żgurat approċċ Ewropew; u (3) tissaħħaħ il-koerenza bejn il-politiki interni u esterni.

Bi qbil mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-valur miżjud tal-azzjoni tal-UE qed jintwera fir-rigward ta': (1) it-trawwim ta' sens ta' ċittadinanza, solidarjetà u appartenenza tal-UE; (2) it-tħaddim ta' standards għoljin fl-UE kollha; (3) l-appoġġ u t-tisħiħ tas-Suq Uniku u t-titjib tal-aċċess ġust fl-UE kollha; u (4) iż-żieda fil-valur b'implimentazzjoni aħjar. Il-valur miżjud u l-impatt jeħtieġ jiġu interpretati fil-kuntest tar-riżorsi baġitarji disponibbli.

Alternattivi ta' politika

Biex jiġu indirizzati l-isfidi deskritti fit-taqsimha preċedenti, meta wieħed iqis li aktarx fil-futur dawn se jippersistu u li l-intervent tal-UE f'dan il-qasam hu meħtieġ u jżid il-valur, il-valutazzjoni tal-impatt tikkontempla **tliet alternattivi alternattivi għall-arkitettura tal-finanzjament futur tal-UE**. Qed jiġu ppreżentati wkoll alternattivi oħra li tqiesu, iżda li ngħataw il-ġenb minn kmieni – jiġifieri l-waqfien tal-finanzjament tal-UE; il-fużjoni tal-programm Ġustizzja u konfigurazzjonijiet oħra ta' fużjonijiet.

L-alternattivi tfasslu skont għadd ta' kriterji³ msawrin wara mmappjar u analiżi inizjali tal-komponenti u l-aspetti tal-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-finanzjament tal-UE tal-perjodu tal-programmazzjoni attwali li jappoġġaw l-oqsma ta' politika rilevanti.

³ L-aspetti użati għat-tqabbil kienu jinkludu: il-kuntest politiku, il-kawżi ewlenin tal-problema tal-valutazzjoni tal-impatt, il-bażi legali, il-kompetenza/is-sussidjarjetà, il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, il-modi tal-implimentazzjoni, il-governanza, l-arkitettura interna, il-gruppi fil-mira, l-immarkar, u l-finanzjament.

L-ewwel alternattiva tirrappreżenta x-xenarju bażi, jiġifieri li jissoktaw il-programmi eżistenti bħala awtonomi (alternattiva 1 – Kontinwità). **It-tieni alternattiva tipproponi żewġ programmi**, li kull wieħed minnhom ikun jappoġġa primarjament waħda miż-żewġ problemi xprunati mill-politika u l-oġġettivi ġenerali korrispondenti (alternattiva 2 – konsolidazzjoni bbażata fuq l-oġġettivi). **It-tielet alternattiva tipproponi programm wieħed**, li jkun jappoġġa l-implimentazzjoni tal-oqsma kollha ta' politika koperti f'dan ir-raggruppament (alternattiva 3 – Integrazzjoni sħiħa). Il-programm Ġustizzja jibqa' awtonomu fix-xenarji kollha, minħabba raġunijiet relatati mal-bażi legali tiegħu.

Wara l-preżentazzjoni tat-tliet alternattivi ta' politika, il-valutazzjoni tal-impatt toffri analiżi tal-impatt potenzjali ewlieni tagħhom fl-aktar dimensjonijiet soċjali (eż. il-kontribut għar-reżiljenza tad-demokrazija u tas-soċjetà; il-kontribut għall-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali, l-impatt fuq l-iżvilupp personali, soċjali, ċiviku u professjonali taċ-ċittadini), ekonomiċi (eż. il-kompetittività, l-impjegabbiltà) u ambjentali rilevanti. Barra minn hekk, din tippreżenta analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji, u l-impatti tal-alternattivi fuq id-diġitalizzazzjoni, id-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza. Tanalizza wkoll il-kontribut tal-alternattivi għall-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli (SDG) tan-Nazzjonijiet Uniti.

Minbarra l-analiżi tal-impatti, il-valutazzjoni tal-impatt tinkludi wkoll **tqabbil tat-tliet alternattivi abbażi tal-mudell tal-Evalwazzjoni b'Diversi Kriterji Soċjali (SMCE)**, li tqies xieraq għal dan l-eżerċizzju speċifiku minħabba l-ambitu wiesa' u d-diversità tal-interventi ta' dan ir-raggruppament. Permezz tal-SMCE, it-tliet alternattivi jitqabblu fuq erba' dimensjonijiet, jiġifieri **l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-proporzjonalità** tagħhom. Għal kull dimensjoni, intlaħaq qbil fuq sett ta' oġġettivi, li jirriflettu l-prijoritajiet deskritti fl-Oġġettivi Ġenerali 1, 2 u 3. Imbagħad, l-impatt tat-tliet alternattivi ngħata punteġġ skont sett ta' 39 indikatur maqbul, b'din il-firxa li ġejja: --- (l-aktar negattiva), --, -, =, +, ++, +++ (l-aktar pożittiva). Il-punteġġ kien ibbażat fuq valutazzjoni esperta, li straħet fuq ir-riżultati ta' evalwazzjonijiet attwali, eżerċizzji analistiċi tal-infiq, linji gwida politiċi u rapporti ta' politika, studji, OPC, u rapporti u sħarriġiet settorjali indipendenti. Il-klassifikazzjoni nkisbet bis-suppożizzjoni li l-indikaturi kollha għandhom l-istess piż, permezz tal-mudell SOCRATES⁴. Ir-robustezza tar-riżultati miksuba ġiet ivverifikata b'analiżijiet tas-sensittività lokali u globali, minkejja li kien hemm xi limitazzjonijiet fid-disponibbiltà tad-data għat-triangolazzjoni tar-riżultati. L-Anness 4 tal-valutazzjoni tal-impatt jagħti spjegazzjoni ulterjuri tal-metodoloġija ta' hawn fuq u tal-klassifikazzjoni tal-alternattivi ta' politika.

L-alternattiva ppreferuta

Minn dan it-tqabbil ħareġ li **l-alternattiva 2 (“konsolidazzjoni bbażata fuq l-oġġettivi”) toffri potenzjal aħjar meta mqabbla mal-alternattivi l-oħra kkunsidrati**. B'mod partikolari, din tippermetti koordinazzjoni aktar qawwija, flessibbiltà, u użu tal-baġit tal-UE b'impatt akbar – filwaqt li tiżgura enfasi ċara bl-għanijiet ta' politika. Fil-qosor, l-alternattiva 2 toffri l-aqwa bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u r-rilevanza tal-politika. Barra minn hekk, din l-alternattiva twieġeb kemm jista' jkun għat-talbiet li għamli l-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku, jiġifieri aċċessibbiltà aħjar għall-finanzjament, flessibbiltà fl-allokazzjoni tar-riżorsi, u li tinżamm il-viżibbiltà tal-marki stabbiliti sew f'dan ir-raggruppament.

Is-suċċess tal-inizjattiva se jiġi mmonitorjat bil-qafas ta' prestazzjoni għall-baġit ta' wara l-2027.

⁴ Ara l-Għodda #62 tar-Regolamentazzjoni Aħjar. Biex tinkiseb klassifikazzjoni tal-politika konsistenti mal-informazzjoni li hemm fil-matriċi tal-impatt, l-analiżi applikat regola ta' aggregazzjoni matematika mhux kumpensatorja.